KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Tmien LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 64** **Tlieta 29 t'Awissu 2023**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:20pm ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Perit Christopher Grech – Sindku
Rachel Abela - Viċi Sindku (onlajn)
Keith Cassar - Kunsillier
Dott. Angele Rapa – Kunsillier
Joseph Gatt- Kunsillier (onlajn)
Aiken Zerafa – Kunsillier
Maria Pia Bonnici - Kunsilliera
Mario Victor Camilleri – Kunsillier (onlajn)
Danny Farrugia – Kunsillier
George Borg - Kunsillier
Anna Galea – Kunsillier
Jesmond Gauci - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Francis Deguara – Kunsillier

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Lorraine Templeman - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Chris Grech ippreseda l-laqgħa.

**64.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsillier Deguara. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Deguara.

**64.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti nru 63**
**REF: 44.3.4 – Kommunikazzjoni – Byelaw Ġnien l-Għarusa tal-Mosta**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li rċevejna il-kuntratt mil-Lands ta' ġnien l-Għarusa tal-Mosta, li huwa valutat €5,150 fis-sena u qiegħed jingħata il-Kunsill b'kirja ta' €500 fis-sena. Rċevejna wkoll il-kuntratti ta' ġnien Reggie Cilia li huwa valutat €630 fis-sena u qiegħed jingħata il-Kunsill b'kirja ta' €500 fis-sena, u l-kuntratt tax-xelter tal-pjazza li huwa valutat €470 fis-sena. Dawn il-kirjiet qegħdin jingħataw Il-Kunsilli bi prezz ridott, għax id-dipartiment ta' l-artijiet jagħraf ir-rwol tal-Kunsilli li jagħtu servizz lil-komunità.

Dwar il-*bye-law* ta' ġnien l-Għarusa tal-Mosta, is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li fl'10 t'Awwissu bagħtet imejl lil-Kunsilliera bi *draft* tal *bye-law*, kif wkoll ntbagħtet il-*bye-law* tal-Park Nazzjonali ta' Qali, biex jieħdu ideja tal-prezzijiet.

Fis 6:30 daħal għal-laqgħa l-Kunsillier Farrugia.

Saret diskussjoni dwar il-prezzijiet, u l-membri preżenti qablu li jduru l-*bye law*, u għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex terġa tibgħat l-imejl lil-Kunsilliera.

**REF: 46.6.1 Arbitraġġ PAMA**
Is-Sindku nforma li l-*public works* bdew bix-xogħlijiet illum, u bdew jaqilgħu l-affarijiet li kienu ta' periklu. Il-Kunsillier Cassar nforma li kellu jitbattal il-ġibjun, u għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tkellem lil-handyman biex naraw ma min ser nikkoordinaw biex jitbattal il-ġibjun.

**REF: 46.4.5 Kommunikazzjoni – Pjanti Triq Difiża Ċivili**
Il-Kunsillier Cassar nforma li hemm bżonn soluzzjoni dwar s-sitwazzjoni ta' traffiku ta' fuq il-pont, u ma jistax jkun nibqgħu nistennew biex jsir xi ħaġa. Is-Sindku nforma li għadu ma ngħatax appuntament, u għalhekk issuġġerixxa li issir ittra ffirmata mil-Kunsilliera kollha, u għalhekk ser issir *draft* biex tigi iċċirkolata mall-Kunsilliera.

**REF: 46.4.15 Kommunikazzjoni – Elles Urban Services**
Il-Kunsilliera nformaw li għadhom ma rawx id-dokument tat-tender biex jkun jista' jiġi approvat u jkun ippublikat. Is-Sindku nforma li għadu ma ngħatax appuntament mid-Direttur Ġenerali tad-DLG dwar l-*issue* tal-*works orders* bla valuri.

**REF: 49.4.7 Bring-In-Sites**
Is-Sindku nforma li għad ma lestiex il-pjanti, imma mar fuq il-post. Is-Sindku żied jgħid li hu jipproponi li dawn ma jsirux għax kull fejn hemm Bring-In-Sites hemm ħafna ħmieġ, u jekk isiru fejn l-MCAST ser jkun hemm abbuż sfrenat apparti t-telf ta' parkeġġ. Is-Sindku nforma li bħala Bring-In-Site hemm dik ta' Ta Qali, fejn ir-residenti jistgħu jmorru hemm mingħajr ħlas, apparti is-servizz tal-*bulky refuse.*
Saret diskussjoni u l-membri preżenti qablu li għalissa Bring-In-Sites fil-Mosta ma jsiru mkien.

**REF: 50.5.6 Phase 3 Lighting Pjazza**
Is-Sindku nforma li tkellem ma l-Onor. Alex Muscat fejn informah li skont hu l-fondazzjoni tista' tuża l-flus biex jsir dawl fil-madwar tal-pjazza quddiem il-Bażilika, u għalhekk l-Onor. Muscat għandu jitkellem mal-fondazzjoni.

**REF: 52.3.7 Skema ERA CCTV Kameras – FOND AMBJENTALI ERA**
Is-Sindku fakkar li kif kienu qabblu l-kunsilliera, l-fond ta' l-ERA ta' madwar €75,000, ser jintuża għal proġett ambjentali biex jsir restawr fuq il-ġiebja li tinsab ġewwa ġnien l-Għarusa tal-Mosta minflok jintużaw fuq CCTV kameras.

Parti min dan il-fond irid jintuża biex jitneħħew siġar/arbuxelli invażivi, u jitħawlu oħrajn flokhom. Għalhekk, issa jmiss li jsir il-kuntratt jew MOU mall-ERA.

Is-Sindku nforma wkoll li ser jiltaqa mal-perit tal-Kunsill biex jsiru l-pjanti, issir stima dettaljata u wara napplikaw għall-permess mal-Awtorità tal-Ippjanar.

**REF: 52.5.4 Mosta Bridge Lighting – Under**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li bħala proġett konna ntitolati 80% sa massimu ta' €80,000.

Meta saret l-applikazzjoni għal dawl ta' taħt il-pont l-istima kienet ta' €53,880 eskluż VAT, mbagħad ġie deċiż li din is-somma tintefaq għal-dawl fit-triq u fir-rampa ta' Vjal Ragusa, minflok li jsir dawl taħt il-pont.
Rigward id-dawl li sar fuq il-pont it-talba fl-applikazzjoni kienet ta' €38,270 eskluż VAT,

B'kollox applikajna ghal fond ta' €92,150 eskluz VAT, u LESA sa issa tatna €49,863.50. Għalhekk LESA fadal taghtina €30,136.50 (ghax massimu ta 80k u diga tawna €49,863.50)
Bhala kunsill aħna fil-proġett ta' Vjal Ragusa nistgħu nonfqu €30,136.50 + noħorgu 20% magħhom total ta' €36,163.80 eskluz VAT.

**REF: 52.5.6 Bye Law Reklami fuq Għamara ta' Toroq**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li kellha laqgħa ma l-avukat, dwar affarijiet pendenti, u għad qed tistenna l-emenda tat-test tal-abbozz legali.

**REF: 53.3.2  Bicycle Racks**
Is-Sindku nforma li għad jrid jiltaqa' mas-Sur Joseph Gatt li huwa rappreżentant taċ-ċikliżmu. Ser jiġi avviċinat wara li tkun lesta il-pjazza.  Dwar l-applikazzjoni tal-*bike racks* ghal l-iskola taz-Zokkrija, is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-applikazzjoni ntbagħtet.

**REF: 54.5.7 KLMT 03-2022 Provision of General Architectural Services to the Mosta Local Council**
Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet fakkret lis-Sindku li għad jrid jibgħat ir-rendikont tal-*financial bids* li offrew il-*bidders* biex jintgħażel l-aħjar prezz, u ssir l-evalwazzjoni mil-bord.  Is-Sindku nforma li għadu jrid jaħdem fuqha.

**REF: 54.5.9 KLMT 05-2022 Provision of Insurance Services**
Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lil-Kunsilliera Galea jekk irnexxilhiex tidħol tagħmel l-*evaluation,* però nfurmat li  għalkemm għamlet *change password* xorta ma rnexxilhiex tidħol fis-sistema.  Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex issir laqgħa mal-konsulent biex flimkien mal-bord issir l-evalwazzjoni.

**REF: 55.4.1 Spustjar Permanenti ta' parti mill-Monti**
Rigward l-ispustjar tal-monti, s-Sindku nforma li għad ma rċevhiex risposta mis-Sur Godwin Warr tat-Trade Department, u qara imejl li rċieva mid-dipartiment tal-kummerċ dwar l-allokazzjoni tal-monti, fejn sta għal-Kunsill li jamministra l-monti.

Fis 7:20 daħlet għal laqgħa il-Kunsilliera Rapa.

Saret diskussjoni, dwar lista ta-gabbani u dawk li qegħdin fuq il-*waiting list* u li lis-*stalls* li hemm jistgħu jkunu biss trasferiti lil membri ta' l-istess familja, u ma jistax jkun hemm bdil tal-merkanzija li qed tinbiegħ. Is-Sindku nforma li hemm bżonn li l-Kunsill jagħmel *update* tal-lista tal-bejjiegħa tal-monti, liema lista trid tkun ippubblikata fil-gazzetta tal-gvern darba fis-sena, mbagħad il-LESA jkunu jistgħu jinforzaw.

**REF: 55.5.2 Update - Ingaġġ ta' Skrivan Skala 15**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li applikazzjonijiet rċevejna tlieta, tnejn interni u wieħed min barra. Intgħażel persuna nterna, u l-impjegata l-oħra għalkemm diġà taħdem mall-kunsill u taf ix-xogħol ma setgħetx t'intgħażel għax għada m'għalqitx is-sentejn impjieg. Dwar il-persuna li applikat min barra, ma għaddiex mill-*interview*. Issa jrid jintalab permess ieħor għal skala 15, għax l-permess kien għal żewġ impjegati.

Peress li l-persuna li intgħażel, kien fuq skala 16, dan jrid jkun *replaced*, u għalhekk iridu nitolbu permess għal impjegat fuq skala 16.

Il-membri preżenti approvaw biex ninfurmaw lil Jobsplus u lid-DLG, li fadal impjieg fuq skala 15 peress li l-applikazzjoni kienet għal tnejn, u l-membri preżenti approvaw wkoll, li jintalab il-permess għal impjieg wieħed fuq skala 16.

**REF: 56.3.2 Applikazzjoni Triq Freddie Micallef**
Is-Sindku nforma li rċevejna petizzjoni, fejn hemm xi residenti li oġġezzjonaw fil-bdil ta' isem it-triq min triq id-Dawr għal triq Freddie Micallef . Din il-petizzjoni għaddiet lis-Street Naming Committee (SNC) fi ħdan l-uffiċju elettorali, u issa sta għal kumitat ta' l-SNC biex jiddeċiedu.

**REF: 56.3.7 KLMQ-01-2019 Youth Worker Service**
Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li għanda tattendi il-laqgħa li jmiss.

**REF: 56.3.8 Proġett Project Green**
Is-Sindku nforma li bdew il-konsultazzjonijiet ma l-entitajiet, fejn sa issa is-Superintendence of Cultural Heritage (SCH) irrispondew li ma jsibux oġġezzjoni għal proġett. Fadal jirrispondu CRPD, ERA u Transport Malta.

**REF: 58.3.1 Cleaner għal-uffiċini tal-Kunsill**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li saru l-*interviews,* fejn min erba' *interviews* li saru, il-bord ma sab ħadd addattat, għalhekk intalbet it-tieni lista mil-Jobsplus, liema lista rċevejnija u l-avviż jagħlaq fis 7 ta' Settembru 2023.

**REF: 58.3.2 Toroq u Sqaqien (inkluż dawk iffinanzjati mid-DPF)**
Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tagħmel laqgħa mall-perit tal-Kunsill peress li għadu ma rrispondhiex l-imejl tas-Segretarju Eżekuttiv, fejn ġie mitlub biex jsir reviżjoni tal-BOQ's ta' triq Dun Mikiel Xerri, triq Charles J. Vassallo, sqaq Xorxa u sqaq San Anton Abbati.

**REF: 58.3.3 Latrina Pubblika**
Is-Sindku nforma li t-twaqqiegħ ser jinbeda, u għalhekk trid issir *works order* biex tinqala temporanjament t-*telephone box,* u jsir restawr tagħha, kif wkoll tinqala palma u tkun relokata fi Vjal Ragusa. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li t-*telephone box* huma tal-GO plc, u s-Sindku nforma li hu se jieħu ħsieb jikkonferma dan mall-GO.

Il-latrini pubbliċi ser jkunu integrati mal-proġett ta' Project Green, u għalissa temporanjament id-*disabled toilet* ser jkun għan-nisa, rġiel u persuni b'diżabilità. Is-Sindku żied jgħid li l-latrini pubbliċi ser jkunu kif kien issuġġerixxa Il-Kunsillier Cassar, jiġifieri mhux lejn il-klabb tal-boċċi imma lejn iċ-ċentru ċiviku. Bħala spejjez ser jkunu assorbiti fil-proġett ta' Project Green. Il-Kunsill ser jkollu spejjez tal-proġett ta' fejn hemm ilplatrini pubbliċi llum, cioe twaqqiegħ, bini ta spazju li se jinduża għal store tal-Kunsill, u *finishes.* Is-Sindku ser jgħid il-perit Zammit, il-

perit tal-proġett ta' Project Green, biex wara li jkun lesta l-konsultazzjonijiet kollha ma SCH, CRPD, ERA u TM jippreżenta u jispjega l-pjanti waqt laqgħa tal-Kunsill inkluż il-lattrini pubbliċi l-ġodda hemm kif qbilna.

Saret diskussjoni dwar jekk il-lattrini għandhomx jkunu bil-flus, u l-membri preżenti qablu li l-latrina l-ġdida tkun bil-flus, imma t-toilet temporanjament tad-*disabled toilet* li ser jkun għan-nisa, rġiel u persuni b'diżabilità ikun bla flus.

**REF: 58.4.3 Traffic Calming Measures Triq il-Mitħna**
Is-Sindku nforma li bagħat lis-sur Cohen għal-approvazzjoni ta' *sleeping police*, filwaqt li l-*pelican crossing* hija approvata u lesta, u fadal li jeħlu l-*pelican lights.*

**REF: 59.3.5 Roundabouts: LIDL/l-Pont u Monument fil-pjazza (Obelisk)**
Is-Sindku nforma li għad irid jerġa jiltaqa l-kumitat, u dwar l-obelisk trid tinħareġ *works order* lil Studurban biex jsir il-*photomontage* u l-viżwali.

**REF: 59.3.11 - SPI/SCI/03/2023 Espressjoni ta' Interess: The World Cleanup Campaign 2023**
Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li l-applikazzjoni ġiet aċċettata, u s-Sindku nforma li din trid tiġi organizzata mis-6 sa l-10 ta' Settembru, u ndaħħlu l-*powerwash* bħala parti mil-*claim.*

**REF: 61.3.2 Street Naming**
Is-Sindku nforma li għad iridu jiltaqgħu dwar toroq li hemm bżonn jinbidlu xi ismijiet, fejn il-Kunsillier Deguara qed jaħdem fuqhom.

**REF: 61.3.4 Skrapjar ta' Vetturi**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li qed tistenna lil-kumpanija Baldacchino Scrappage of Vehicles, tibgħat il-kuntratt iffirmat.

**REF: 61.3.5 Claims**
Il-Kunsilliera Cassar u Bonnici nformaw li l-kumitat tal-*claims* għadu ma ltaqax, u mhux ser jiltaqgħu ta' spiss fuq żewġ *claims* biss. Jrid jkun hemm lista ta' *claims,* minimu ta' għaxra biex jiltaqà l-bord.

**REF: 61.4.1 Għajnuna lil-Għaqdiet bil-ħlas tal-Wardens.**
Is-Sindku staqsa l-proċedura x'inhi dwar il-*wardens* li provdejna lill-għaqdiet waqt l-attivitajiet, skont l-iskema tar-reġjun. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li bħala Kunsill nibgħatu l-*invoices* u l-irċevuti fiskali lir-reġjun għal-rimborż.

**REF: 61.4.2 Użu ta' Parkeġġ fl-Iskejjel**
Il-Kunsillier Borg nforma għadda d-dettalji lis-Segretarju Eżekuttiv biex issir il garanzija bankarja ta' €2,500, u x'aktarx il-*press conference* issir għal-Settembru.

**REF: 61.4.3 Dog Bins**
Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li ma taqbilx li jiżdiedu aktar *doggy bins* għax mhux jitbattlu ta' spiss peress li *doggy bins* ġodda mhumiex fil-kuntratt. Is-Sindku nforma li l-kuntrattur tal-knis qiegħed inaddafhom a buona volonta tiegħu, u hemm bżonn li jsir addendum bil-lista ta' *doggy bins* ġodda li ġew installati, li mhumiex parti mil-kuntratt.

**REF: 62.3.2 Tenders**
Il-bord tad-tenders nforma li għadhom ma rawx it-tenders għal approvazzjoni qabel ma jkunu ppublikati.

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret liema huma t-tenders li ġew *drafted.*

- KLMT 04-2023 - Road Maintenance of Access and Access only roads and ancillary works
- KLMT-06-2023 Street Sweeping Services in the locality of Mosta, using Environmentally friendly service vehicles.
- KLMT 05-2023 Supply of Christmas street lighting decorations
- KLMT 02-2023 Cleaning and Upkeep of Public Convenience
- KLMT 01-2023 Upkeep & Maintenance of Parks Gardens & Soft Areas

Bħala evalwazzjoni s-Segretarju Eżekuttiv reġgħet fakkret lil-bord li jridu jevalwaw dawn it-tenders;

- KLMT 03-2022 Services - Provision of General Architectural Services to the Mosta Local Council.
- KLMT 03-2023 Services - Provision of Insurance Services Policies to the Mosta Local Council

Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jsir appuntament mal-konsulent biex il-bord jevalwa t-tender KLMT 03-2023 Provision of Insurance Services Policies to the Mosta Local Council.

**REF: 62.4.5 Statwi tal-Bronż**
Dwar ir-restawr ta' l-istatwi tal-bronż ta' EB Vella u Dun Anġ Camilleri, is-Sindku nforma li ħa jitkellem mas-Sur Chris Ebejer, fejn informah li għandu jarahom.

**REF: 62.4.6 Electric Charging Pillars.**
Is-Sindku nforma li bħalissa qed jinħadem tender mil-Ministeru għall-Enerġija, Intrapriża u Żviluppi Sostenibbli u qed jduru l-Kunsilli kif ser jaħdmu, u biex Il-Kunsilli jissuġġerixxu xi-siti.

**REF: 63.4.3 Pelican Lights fejn is-Subaru**
Is-Sindku nforma li tkellem ma IM, u nformawh li l-*junction* ta' fejn is-Subaru, inutli jsiru l-*pelican lights* qabel ma titlesta triq Pantar, minħabba t-traffiku li jkun hemm ġej min triq il-Mitħna. Apparti min hekk IM qed jaħdmu fuq disinn biex jemeljoraw il-junction ta' meta toħroġ minn triq Pantar;

**REF: 63.4.5 Ta' Bistra**
Is-Sindku nforma li s-servizzi lesti, u jonqos jsir id-drenaġġ u t-tarmak. Temporanjament ix-xogħol qed jkun iffokat fuq il-*junction*, liema *junction* ser tkun lesta possibbilment lejn il-bidu ta' Ottubru, u wara jitkompla x-xogħol f'ta' Bistra.

**REF: 63.4.6 Knis**
Is-Sindku nforma li l-knis fi triq il-Fortizza, quddiem l-RS2 fejn hemm il-Paramount, sar illum.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 63.

**64.3 Kommunikazzjoni / Korrispondenza mis-Sindku**

**64.3.1 Staff Notches**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-impjegati kull sena jitilgħu *notch* sa massimu ta' *notch* 7. Għalhekk l-impjegat Aaron Debono talab approvazzjoni biex jitlà *notch* 6, l-impjegata Kylie Polidano talbet approvazzjoni biex titlà *notch* 4, u l-impjegata Ramona Calleja talbet approvazzjoni biex titlà *notch* 4.
Il-membri preżenti approvaw in-*notches.*

**64.3.2 Dawl tal-Milied**

Is-Sindku nforma li tkellem mas-Segretarju Eżekuttiv tar-reġjun, u nforma li peress li l-kuntratt tad-dawl tal-milied tal-Kunsill għalaq, il-Kunsill jista' juża lil-kuntrattur tar-reġjun. Għalhekk saret laqgħa mal-MicaMed, fejn iddiskutejna d-disinn u nformana li qegħdin tard wisq biex jsiru disinni ġodda, pero dawn jistgħu jsiru għas-sena 2024. Is-Sindku għandu jiċċirkola d-disinni l-ġodda mal-Kunsilliera.

Is-Sindku nforma li tkellem mal-kuntrattur Armeni li kellu l-Kunsill f'dawn l-aħħar 4 snin, u talbu jekk jaċċettax li nġeddu l-kuntratt miegħu għal-sena. Huwa qabel li għas-sena 2023 jerġa' jarma t-tiżjin tal-milied bil-prezzijiet tas-sena 2022, għalhekk is-Sindku talab approvazzjoni lil-membri preżenti biex jiġġedded il-kuntratt għal-sena oħra.
Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lil-membri preżenti li kuntratt jista' jiġġedded sa massimu ta' erba' snien.

Peress li l-bord tat-tenders u l-Kunsilliera għadhom ma approvawx id-*draft* tender tal-milied, u ma fadalx żmien għall-pubblikazzjoni, l-membri preżenti approvaw li jiġġedded il-kuntratt b'sena.

Rigward is-siġra tal-milied, il-Kunsillier Camilleri nforma li sar arranġament mas-Sur Ruben Caruana ta' tlett snin bi prezz ta' €5,000, biex tintrama s-siġra tal-milied, u din is-sena hija t-tielet u l-aħħar sena. Għalhekk, għas-sena 2024, it-tender il-ġdid iridikopri kemm it-tiżjin tal-pjazza u l-madwar, iż-żoni u anke s-siġra tal-Milied.

**64.3.3 Park and Ride**

Is-Sindku nforma li dwar il-*park and ride* kien hemm talbiet biex jkun hemm servizz ta' *park and ride* nhar ta' Tnejn meta jkun hemm il-monti.

Il-membri preżenti qablu li dan is-servizz għandu jkun kull nhar ta' Tnejn mit-8:00am sa 12:00pm, fejn tluq jkun min-ġnien l-Għarusa tal-Mosta, u l-passiġġieri jitnizzlu quddiem il-Mumuso. Il-membri preżenti talbu biex jinġabu l-kwotazzjonijiet, u li jkun ikkunsidrat li jkun hemm ħlas żgħir għal min juża is-*shuttle bus.*

**64.3.4 Dekasteri tal-Kunsillier Gauci**

Is-Sindku nforma li d-dekasteri tal-Kunsillier Gauci ser jkunu dawk li kellu l-Kunsillier Micallef, li huma Żgħażagħ u Tfal.

**64.3.5 Parks and Gardens**

Is-Sindku nforma li rċevejna lista ta' siġar li nżergħu min Infrastructure Malta (IM) li issa l-manutenzjoni tagħhom issa trid awtomatikament tgħaddi taħt ir-responsabiltà tal-Kunsill.

Dawn huma, triq Durumblat, triq li tieħdok għat-telgħa t'alla w omm cioe parti minn triq il-Fortizza tal-Mosta u *pots* fuq il-bankina f'San Pawl tal-Qliegħa. Għalhekk dawn issa ser jieħu ħsiebhom il-kuntrattur tal-*Parks and Gardens* tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Cassar nforma li tajjeb u jaqbel li jsiru siġar u pjanti ġodda, imma tajjeb wkoll li dawn jsiru b'konsultazzjoni mal-Kunsill, għax ix-xogħol qed jiżdied u l-flus tal-*parks and gardens* huwa limitat, u għalhekk talab biex jsir talba uffiċjali għal-aktar fondi.

**64.3.6 Ġnien l-Għarusa tal-Mosta**

Is-Sindku nforma li rċevejna talba mil-Kunsillier Cassar biex jingħata permess jagħmel it-tieġ tiegħu fi ġnien l-Għarusa tal-Mosta bil-prezzijiet preżenti, fejn minħabba l-preparamenti l-ġnien irid ikun riservat mit-2 sal-5 t'Awissu 2024. Il-membri preżenti unanimament approvaw it-talba tal-Kunsillier Cassar u awgurawlu l-isbaħ xewqat.

Fit-8:45pm il-membri preżenti unanimament qablu li l-ħin tal-laqgħa jiżdied b'siegħa u kwart sa l-10:00pm.

**64.3.7 Small Medium Enterprises (SME)**

Is-Sindku nforma li ġie mistieden għal-laqgħa tal-SME's, u xtaq jressaq xi proposti biex jekk il-membri tal-Kunsill jaqblu, jkun jista' jiddiskutihom waqt il-laqgħa.

Kif nafu la tkun lesta l-pjazza, impossibbli biex din tkun *pedestrian* il-ħin kollu, imma bħala *traffic management* kien dejjem l-iskop li tibda tingħalaq f'ċertu *weekends,* u għalhekk is-Sindku ppropona li *deliveries* tal-ħwienet fil-pjazza, triq Kungress Ewkaristiku, triq Il-Kostituzzjoni, triq il-Bażilika u triq il-Kbira jsiru sa ċertu ħin maqbul , eżempju sal-10:00 ta' filgħodu biss. Dan il-ħin li qed jkun issuġġeriet jrid jkun diskuss fil-laqgħa mal-SME's, u jkun xi jkun il-ħin deċiż, il-*loading/unloading bays* jkunu jistgħu jintużaw bħala parkeġġi wara dan il-ħin. Żibel ta' l-istabbilimenti kummerċajli għandu jitqiegħed f'kontenitur tal-plastik, għax kull darba qed nispiċċaw innaddfu u naħslu l-bankini minħabba l-likwidu li joħroġ mil-boroż ta' l-iskart.

Fejn jidħlu mwejjed u siġġijiet dan l-ispazju għandu jkun definit mill-Kunsill bil-qsari, skont il-pjanti li għandhom approvati mil-Lands Authority u mill-Planning Authority.

Rigward il-pjazza pedonali għandu jingħalaq l-aċċess meta jkun hemm attivitajiet, jiġifieri triq Kungress Ewkaristiku tingħalaq ma triq it-Torri u jinżlu min Oratorju għal fejn il-Lord Nelson, min triq Il-Kostituzzjoni għal triq il-Kbira, u min triq il-Pont ma jkunx hemm aċċess għal-pjazza. Dawn it-toroq jingħalqu u jkunu definiti min qabel skont l-avvenimenti li jsiru matul is-sena. Fil-*weekends* mis-Sibt mil 5:00pm sal-12:00am.
Min Ġunju sa Settembru, apparti l-*weekends* li jkunu definiti skont l-avvenimenti, il-pjazza tkun pedonali min Tnejn sal-Ġimgħa mis 7:00pm sas 1:00am, inkluż fil-ġimgħa tal-festa mid-9 sas-16 ta' Awwissu.
Is-Sindku żied jgħid li f'dawn l-istanzi li semma fejn il-pjazza qed tkun proposta li tkun pedonali, il-Kunsill jkun jista' jaċetta spazji aktar ta' mwejjed u siġġijiet bil-permess tal-Kunsill u bi ħlas addizzjonali skont *bye-law* li għad jrid jsir l-abbozz tagħha.

Is-Sindku wkoll spjega li iridu napplikaw ma Transport Malta biex niddefinixxu *speed limit*, il-piż ta' vetturi li jistgħu jgħaddu min fuq il-pavimentar, u l-aċċess restritt ta' *heavy vehicles* fejn dawn ma jistgħux jgħaddu mil-pjazza jekk mhux qed jagħtu jew joffru servizz. Filwaqt li dawk

il-*heavy vehicles* li deħlin il-Mosta minħabba xogħol ta' kostruzzjoni fil-Mosta, jridu jħallsu garanzija skont il *bye-law* li għad irid jsir l-abbozz tagħha wkoll.

Il-Kunsillier Camilleri staqsa x'ser jsir fejn jidħol trasport pubbliku fi triq Sant'Anna u San Anton Abbati, fejn tal-linja kemm kemm tgħaddi u n-nies bil lemm tgħaddi sew min fuq il-bankina. Is-Sindku spjega li kif inhi d-*diversion* bħal issa, ma tantx tagħmel sens li t-trasport pubbliku jkun devjat kif qed jsir illum min Sant Antnin fil-futur meta l-pjazza tingħalaq kif semmejna. Għalhekk is-Sindku staqsa jekk jagħmilx aktar sens li jkun hemm *shuttle bus* illi t-trasport pubbliku ma jinżilx min Sant Antnin, imma jintgħażel *bus stop/s* fejn il-pubbliku jkun jista' jittella u jitniżżel. Il-Kunsillier Camilleri insista li bin-nies li jkun hemm biex jirkbu t-trasport pubbliku jkunu ħafna għalhekk ma jaqbilx li l-pjazza tingħalaq u tkun pedonali sajf sħiħ sakemm ma jkunx hemm soluzzjoni li transport pubbliku ma jgħaddix min triq Sant Anna.

Saret diskussjoni u s-Sindku staqsa jekk il-membri preżenti jaqblux mal-proposti li qed jressaq, biex jkun jista' jressaqhom waqt il-laqgħa mal-SME's.
Il-membri preżenti qablu mall-proposti li ressaq is-Sindku, imma rigward il-kunċett li l-pjazza tkun pedonali sajf sħiħ, timmerita li jsiru diskussjonijiet ma TM ħalli nisbu soluzzjoni biex nevitaw li tal-linja tinsel minn triq Sant Anna.

**64.3.8 Qlugħ ta' Siġar tal-Ficus**
Is-Sindku nforma li talab permess lill-ERA biex jinqalgħu żewġ siġar tal-ficus mill-pjazza. Waħda min dawn is-siġar hija biswit il-ħruġ tal-permess fejn instabet ġiebja u l-għeruq tas-siġra neżlin ġo din il-ġiebja mirduma, fejn talab lil Infrastructure Malta biex il-ġiebja titnaddaf u tintuża. Is-siġra l-oħra qiegħda fejn il-binja taċ-ċentru Ċiviku, biswit il-posta, liema siġra qed tagħmel ħsara il-pedament tal-binja u anke terfa' l-art. Dawn ser jerġgħu jitħawlu fi triq il-Fortizza direzzjoni lejn t'Alla w Ommu.

Fid 9:20pm saret sospensjoni ta' l-aġenda biex ngħaddu għal-*item* 64.5.2 - Onorefiċenza Ġieħ il-Mosta u Rikonoxximent.

**64.3.9 Kommunikazzjoni- Accumulation of Leave Executive Secretary**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil-membri preżenti li artikolu 3.1.9 tal-PSMC jistipula li "Proporzjon tal-intitolament għal vaganza, li ma jaqbiżx ħamsin fil-mija (50%) tal-intitolament annwali għal vaganza, jista', bi ftehim reċiproku bejn id-Direttur/Kap tad-Dipartiment rispettiv u l-impjegat, jiġu trasferiti darba għas-sena kalendarja li jmiss. Il-*leave* tal-vaganzi akkumulat mis-sena ta' qabel jrid jiġi utilizzat l-ewwel, u jista' ma jerġax jiġi trasferit 'il quddiem."
Fid-dawl ta' dan is-Segretarju Eżekuttiv talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill biex jiġu trasferiti 124 siegħa ta' *vacation leave* mill-2022 sal-2023.
Il-membri preżenti approvaw il-*leave* ta' 124 siegħa biex jkunu trasferiti għas-sena 2024.

**64.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**64.4.1 Waste Reduction Week**
Il-Kunsilliera Bonnici talbet approvazzjoni lil membri preżenti biex tapplika għal-Waste Reduction Week, u nfurmat li mhux ser tonfoq flus. Il-membri preżenti approvaw.

**64.4.2 FSWS**
Il-Kunsillier Farrugia nforma li qed jaħdem fuq il-laqgħa li jmiss ma l-FSWS u mhux ser jkun hemm spejjez. Il-membri preżenti approvaw.

**64.5 Rapporti**

**64.5.1 Update - Development Funds as at 29.08.2023**

*Update* tal-lista tad-*Development Funds*, ingħatat lil-Kunsilliera fil-*folder* mad-dokumenti tal-laqgħa, kif wkoll b'imejl.

**64.5.2 - Onoreficenza Ġieħ il-Mosta u Rikonoxximent**

Il-Kunsillier Camilleri nforma li l-attività ta' Jum il-Mosta ser issir fil-pjazza quddiem l-Oratorju. Dwar il-ftuħ tar-restawr tal-faċċata ta' l-Oratorju l-Ministru Owen Bonnici ma jistax jattendi, imma minflok ser jattendi il-perit Norbert Gatt, li huwa d-direttur fuq ir-restawr. Il-Kunsillier Camilleri nforma li qed jsiru l-*bookings* ta' l-affarijiet kollha li hemm bżonn għal-Jum il-Mosta.

Inqraw l-applikazzjonijiet ta' persuni nominati għal Onorificenza Ġieħ il-Mosta u Rikonoxximent.

Nominati għal-Ġieħ il-Mosta:
Anna Abela
Carmel Agius
Mro. Twanny Borg
Joseph Chetcuti
Jeanette Lorraine Ellul
Giovann Muscat
Winston Pirotta
Mary Tonna
Joseph Sammut
Joseph Zahra

Nominati għal Rikonoxximent:
Carmel Agius
Mro. Twanny Borg
Joseph Chetcuti
Vincent Dimech
Jeanette Lorraine Ellul
Giovann Muscat
Winston Pirotta
Mary Tonna
Joseph Zerafa

Il-Kunsillier Camilleri informa li skont ir-regoli tal-votazzjoni, il-Kunsilliera jridu jivvotaw għal massimu ta' tlieta Ġieħ u tlieta Rikonoxximent, u nforma lill-membri preżenti li l-applikazzjoni ta' Joseph Zerafa hija nvalida peress li ġie nominat min xi ħadd tal-familja, li tmur kontra r-regoli. Is-Sindku nforma li għandu jkun hemm definizzjoni ta' xi tfisser familja. Il-Kunsillier Camilleri nforma li r-regoli ġew riveduti waqt din il-leġislatura, fejn familja tfisser aħwa u primi kuġini, u s-sena l-oħra l-membri tal-Kunsill wkoll invalidaw applikazzjoni ta' kuġin, għalhekk talab lil-membri preżenti biex jiddeċiedu jekk hux ser tkun aċċettata l-applikazzjoni tas-Sur Joseph Zerafa jew le.

Il-Kunsillier Cassar nforma li la r-regoli qegħdin hekk il-Kunsilliera għandhom jimxu mar-regoli, mbagħad jekk il-Kunsill jixtieq li jerġa' jirrevedi r-regoli, dan għandu jsir għas-sena d-dieħla. Il-membri preżenti qablu li jimxu mar-regoli kif qegħdin, u jekk hemm bżonn jerġgħu jkunu diskussi r-regoli fejn jidħlu nominazzjonijiet min familji.

Matul l-ewwel votazzjoni għal Ġieħ il-Mosta li tirrikjedi żewġ terzi tal-voti, ġew nominati Carmel Agius, Mro. Twanny Borg u Joseph Chetcuti.

Matul it-tieni votazzjoni għal Rikonoxximent Mertu Mosta li tirrikjedi żewġ terzi tal-voti, ġew nominati Vincent Dimech, Jeanette Lorraine Ellul. Peres li t-tielet persuna ma ġabx żewġ terzi tal-voti, il-membri preżenti reġgħu ivvutaw, liema votazzjoni titlob maġġoranza sempliċi, u għalhekk it-tielet persuna nominata għal-Rikonoxximent Mertu Mosta huwa Winston Pirotta.

**64.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

**64.6.1 Skeda ta Pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 142. Il-Kunsillier Cassar talab biex jiġi provdut il-komunikat li kellna mil-AKL li nistgħu nqabbdu lil Studjurban biex jaħdmu fuq il-proġett ta' *slow streets.*
Il-membri tal-Kunsill approvaw il-pagamenti.

**64.6.2 Purchase Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*purchase orders.*
Il-membri tal-Kunsill approvaw il-pagamenti.

**64.6.3 Works Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*Works Orders*.
Il-membri tal-Kunsill approvaw il-*works order list*.

**64.6.4 Petty Cash**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-listi tal-*petty cash.*
Il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu il-listi tal-*petty cash* li jkopru xahar ta' Lulju 2023. Il-membri tal-Kunsill approvaw il-lista tal-*petty cash.*

**64.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa ntemmet fid-9:50pm ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għal-3 t'Ottubru 2023 fis-6:00pm.

Konfermati llum 29 t'Awwissu 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Perit Chris Grech | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |